MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Numru. 1074/2011

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Reuben Borg, iben Henry, imwieled Pieta' fit-12 ta' Jannar, 1989, Karta ta' l-Identita numru 34089(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'Awwissu, 2011 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. talli fis-16 ta' Novembru, 2007 fil-Belt, Valletta, għamel dikjarazzjoni falza, jew ta tagħrif falz, jew ipproduċja dokumenti foloz;
2. talli f'Awwissu, 2011 u fix-xhur u is-snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u

pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu minn dokument falz;
4. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih inniffsu jew għal ħaddieħor, f'dokument maħsub għal awtoria' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
5. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
6. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sab ħwejjeġ li kienu naqsu lil xi persuna jewli kienet tilfet u ma għarrafx bihom, fi żmien tlett tijiem lill-Pulizija Esekuttiva.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 183, 184, 188, 189 u 340(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 14(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.
Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------